MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1913/2005

**Talba Nru: 1913/05VGD**

Godwin Vella Clark

Vs

Jesmond Arnaud

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360.00c) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta’ bank tal-kcina, mejda, sitt siggijiet u ‘wall unit’ mibjugha lill-konvenut, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa ecepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont m'hu dovut lill-attur peress li l-prezz kien thallas, u li l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-affarijiet gew akkwistati minn certa Helen Farrugia ta' 336, St. John Flats, no.5, Naxxar Road, Balzan, salvi eccezzjonijiet ulterjuri, u bl-ispejjes kontra l-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur Godwin Vella Clark.

Ra d-dokument esebit a fol. 22 tal-process.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2007.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu 2007.

Ghal dawn il-motivi, peress li l-konvenut naqas li jipproduci l-provi tieghu in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu, u peress li t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ipprovata, t-Tribunal jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360.00c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.  L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------